# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 764

KAZ NRU 824

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Emanuel Formosa

u

Grosvenor Aparthotel Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 19 ta' Novembru 1996

**Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni**

1. **DAHLA**

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 13 ta' Jannar 1994 riferenza Me 2/94/5 talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **RAPPREZENTANZA**

2.1 L-appellant kien irrapprezentat mill-avukat Andrew Borg Cardona

2.2 Il-Kumpanija kienet irrapprezentata minn Alex Vella

mghejjun mill-avukat Raymond Pace.

3. **LISTA TA' XHIEDA**

3.1 Ghall-appellant xehed huwa nnifsu.

3.2 Ghall-Kumpanija xehdu :
s-sinjuri Kevin Borg
Paul Brincat
Publius Debattista
Yvonne Farrugia

3.3 Ix-xhieda li isimhom jidher hawn taht kienu xhieda komuni :
s-sinjuri Mario Agius
Alexander Borg
Alexander Vella

4. **PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI**

4.1 L-appellantipprezenta d-dokumenti li jidhru hawn taht :

4.1.1 l-istqarrija tal-kaz li kienet tinkludi wkoll lista ta' xhieda li giet immarkata Dok 1

4.1.2 l-istqarrija finali li giet immarkata Dok 3

4.2 Il-Kumpanija ipprezentat id-dokumenti li jidhru hawn taht :

4.2.1 l-istqarrija tal-kaz li kienet tinkludi tmien appendici u lista tax-xhieda li giet immarkata Dok 2

4.2.2 l-istqarrija finali li giet immarkata Dok 4

5. **TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET**

5.1 L-appellant stqarr li hu :

5.1.1 beda jahdem mall-Kumpanija bhala kok f' Awissu 1992 u tkecca mill-impjieg nhar il-11 ta' Ottubru 1993

5.1.2 qatt ma inghata twissijiet formali jew bil-miktub dwar xi nuqqasijiet u tkecca sommar-jament

5.1.3 ma jixtieqx li jerga' jidhol lura fl-impjieg izda ghandu jinghata kumpens xieraq ghal tkeccija ngusta.

5.2 Il-Kumpanija stqarret li :

5.2.1 d-dati ta' l-impjieg u t-tkeccija ta' l-appellant kienu kif iddikjara l-appellant innifsu

5.2.2 l-appellant ma kellux il-hila ghall-kariga ta' kok. Id-drawwiet tieghu kienu nieqsa mill-igene u kien traskurat fil-qadi ta' dmirijietu tant li bosta drabi dan wassal ghal hafna hela.

5.2.3 minbarra dan ma kienx izomm ruhu prezentab-bli, kien indixxiplinat fil-hin u fl-imgieba tieghu, ma wera ebda sinjali li ried itejjeb

in-nuqqasijiet tieghu, kien jisfida l-ordnijiet ta’ min kien fuqu, ghamel atti vjolenti u wkoll dannu volontarju

5.2.4 fid-dawl ta’ dan kollu t-tkeccija tieghu kienet ghal raguni tajba u sufficjenti.

6. **ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET**

6.1 L-appellant argumenta li :

6.1.1 hu kien jahdem xift ta’ gurnata xoghol u gurnata frank. Ghaldaqstant hu kien responsabbli biss ghal dak li kien jigri fil-gurnata meta hu kien ikun xoghol

6.1.2 ix-xhieda ta’ Yvonne Farrugia, Health Inspector ma kinitx dwar nuqqasijiet li setghu jkunu direttament imputabbli ghalih. Barra minn hekk hafna mill-kummenti taghha kienu dwar postijiet li l-appellant ma kienx jahdem fihom

6.1.3 hu kien impjegat bhala kok izda l-Kumpanija kienet titlob minnu xoghol ta’ Chef li huwa grad ghola minn dak li kellu hu. Minbarra dan is-sidien kienu jdejhom maghluqa hafna fis-sens b’rizultat li ma kellux biex jahdem

6.1.4 kien minhabba dawn in-nuqqasijiet li l-livell ta’ l-ikel kien anqas minn dak mixtieq

6.1.5 l-akkuza kontrih li kien jiskarta minn fuq ix-xoghol ma kinitx fondata, kif fil-

fatt gie ippruvat fil-Qorti Kriminali

6.1.6 it-twissijiet li inghata dejjem kienu flimkien mal-kok l-iehor u dawn qatt ma kienu daqshekk serji li jisthoqqu tkeccija

6.1.7 il-fatt li ftit wara t-tkeccija l-lukanda bidlet is-sidien juri bic-car li l-motivazzjoni tat-tkeccija setghet kienet li din kellha tibdel l-idejn minghajr il-piz ta’ l-impjegati.

6.2 Il-Kumpanija argumentat li :

6.2.1 kif jirrizulta mix-xhieda ta’ l-appellant innifsu, ta’ Mario Agius u ta’ Alex Vella l-appellant ma kienx kompetenti f’xoghlu

6.2.2 kemm fiz-zmien li kien hemm kok iehor fil-kcina u kemm meta spicca wahdu l-appellant kellu diversi difetti serji fil-proceduri ta’ igene kemm kif izomm persuntu u wkoll fil-preparazzjoni ta’ l-ikel u l-istivar ta’ oggetti ta’ l-ikel nejjin u misjura

6.2.3 l-provi mix-xhieda u dokumenti esebiti juru bic-car li l-appellant kien imwiddeb bil-fomm u bil-miktub bosta drabi, izda dan ma sewa ghal xejn

6.2.4 kuntrarjament ghal dak li stqarr l-appellant it-tkeccija ma kinitx sommarja u saret minhabba inkompetenza ammessa minnu stess u wkoll minhabba attitudni li ma tixraqx il-

kariga li kien jokkupa.

## 7. **KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL**

It-Tribunal Industrijali osserva li :

7.1 qabel ma gie mpjegat l-appellant il-Kumpanija kienet timpjega Chef. Wara li dan ic-Chef spicca mill-impjieg il-Kumpanija ghabbiet liz-zewg koki, wiehed minnhom l-appellant, bir-responsabbilta’ tal-kcina. Kien hemm xhieda mhux kontestata li l-appellant stqarr li hu ma kienx kompetenti fil-livell mixtieq mill-Kumpanija biex imexxi l-kcina

7.2 minbarra l-kompetenza ta’ amministrazzjoni ta’ mpjegati ohra u ta’ tisjir tal-helu, li normalment huwa xoghol ta’ Patissiere l-appellant kien mis-tenni li jaqdi dmiru sew bhala kok, kemm ghal dak li hu tisjir, hazna u prezentazzjoni ta’ ikel kif ukoll indafa personali

7.3 jekk wiehed jiskarta x-xhieda kollha dwar nuqqas ta’ tindif fil-kcina, u tisjir ta’ helu jibqa’ bizzejjed xhieda mhux biss ta’ nuqqas ta’ kompetenza fit-tisjir u hazna ta’ ikel izda wkoll dwar indafa personali. Dwar dawn kien hemm rapporti tal-Health Inspector u xhieda ohra. Minbarra hekk hemm diversi xhieda u dokumenti li jikkonfermaw li l-appellant kien imwiddeb bosta drabi bil-fomm u bil-miktub

7.4 ix-xhieda dwar dawn in-nuqqasijiet ma gietx biss mis-sur Alex Vella li mexxa l-kaz izda wkoll minn Mario Agius u Alexander Borg li kienu jmexxu l-lukanda

7.5 ghalkemm is-sistema ta’ xift ta’ day in - day out kienet taghmilha difficli li tindirizza kull nuqqas lil xi persuna wahda it-twiddib bil-fomm u bil-miktub juri bic-car li dan sar kemm liz-zewg persuni kif ukoll xi drabi lill-appellant. Ix-xhieda ta’ l-appellant li kull darba li jircievi ittra komuni kien wara jkun mgharraf li ma kienitx mahsuba ghalih kienet konfutata kemm minn Mario Borg u Alexander Agius.

8. **DECIZJONI**

Fid-dawl ta’ dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li :

8.1 t-tkeccija ta’ l-appellant saret ghal raguni tajba u bizzejjed.

8.2 Ghall-finijiet ta’ l-Avviz Legali Numru 48 ta’ l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta’ kull persuna li assistiet lill-partijiet fis-somma ta’ erbghin (Lm40) liri Martin.

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol

---------------------
Anthony DeGiovanni
CHAIRMAN

-------------------
George Attard
SEGRETARJU
mrg